MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 301/2005

**Montaldo Insurance Agency Ltd (C-1052) bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Steven Crisp u l-istess Seven Crisp (ID063165M)**

**vs**

**Patrick Vella (ID183768M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm285.41) dovuti in kwantu ghas-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm247.61) bhala danni kagunati fil-vettura**

**tal-attur Steven Crisp, hdax-il lira u tmenin centezmu (Lm11.80) prezz ta' survey, tlieta u ghoxrin lira (Lm23.00) bhala telf ta' uzu tal-vettura COL-777 u tlett liri (Lm3) ghar-rapport tal-pulizija u dana b'rizultat tal-incident stradali li sehh fit-28 ta' Lulju, 2003 fi Pjazza Qalb Imqaddsa ta' Gesu, San Giljan, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura LRO-123 ta' proprjeta` tieghu stess u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COL-777 proprjeta` tal-attur Steven Crisp u misjuqa minn Nicolette Crisp ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-23 ta' Frar, 2005 fejn intqal :**
**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-incident li gara fit-28 ta' Lulju, 2003 ma garax tort tal-eccipjenti izda gara unikament tort ta' Nicolette Crisp u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kaz.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-28 ta' Lulju, 2003 f'San Giljan, fi Pjazza Qalb Imqaddsa ta' Gesu, bejn il-vettura minn Nicolette Crisp bin-numru COL-777 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru LRO-123.**
**2. Nicolette Crisp kienet qed iddur mar-roundabout li hemm, biex tmur fid-direzzjoni ta' Triq Mikelang Borg, cioe` fid-direzzjoni tar-regional Road. Il-konvenut kien gej minn Triq Borg Olivier u ukoll ried jiehu d-direzzjoni lejn ir-Regional Road.**
**3. Skond il-konvenut meta wasal fit-tarf ta' Triq Borg Olivier, hares lejn il-lemin u ma rax karozzi gejjin. Jghid li quddiemu it-traffiku kien wieqaf minhabba « coach » li kien qed jipparkja taht post imsejjah**

**« Rayners ». jghid li naqqas, u hass impatt. Il-konvenut ra lill-attrici ghall-ewwel darba meta lawtet mieghu.**

**4. L-attrici kienet qed iddur mar-roundabout, u ma kienx hemm karozzi fid-direzzjoni ta' Triq Mikelang Borg. Wara l-impatt hi daqqet il-horn u l-konvenut waqaf. L-attrici lill-konvenut ma ratux.**

**5. Jirrizulta li l-attrici kellha l-hsara taghha fuq il-mudguard ta' quddiem in-naha tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu l-hsara tieghu fuq il-mudguard tal-lemin ta' wara.**

**6. Hija regola li min ikun qed javvicina roundabout, kif fil-fatt kien qed jaghmel il-konvenut f'dan il-kaz, ghandu obbligu li jara xi traffiku gja hemm li qed jinnaviga r-roundabout. F'dan is-sens il-konvenut kellu jezercita aktar diligenza meta qed jimmanuvra biex jghaddi minn hdejn ir-roundabout.**

**7. Ma jirrizultax li l-attrici giet b'xi velocita, anzi jirrizulta li din kienet ghaddejja bil mod u qieghda iddur fil-kors normali taghha.**

**8. Ghalhekk meta l-konvenut gie fsalt, jaghmel sens li ma ratux. Dan qasmilha quddiema, tant li laqtitu kif intqal. L-isketch juri bic-car li l-attrici kienet ben visibbli ghall-konvenut qabel ma ghamel il-manuvra li ghamel. It-Tribunal qed isib lil-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh in kwantu dana ma ezercitax « a proper lookout » kif kien fi dmiru li jaghmel, u kien hu li kkawza l-incident meta qasam quddiem l-attrici.**

**9. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammonti imsemmija.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-atturi is-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm285.41), bl-imghaxijiet mill-25 ta' Jannar, 2005 sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------